

Brussell, 13 ta' Marzu 2015
(OR. en)

6552/15

CO EUR-PREP 11
POLGEN 28
ENV 81
ENER 44
MI 111
RECH 34
COMPET 62
IND 25
ECOFIN 134
SOC 103
EDUC 41
TELECOM 53
JAI 110
EMPL 51
SAN 73

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Semestru Ewropew 2015 - Rapport ta' sintesi dwar il-kontribuzzjonijiet tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż ir-rapport ta' sintesi mħejji mill-Presidenza dwar id-diskussjonijiet u l-messaġġi politiċi ewlenin tal-konfigurazzjonijiet differenti tal-Kunsill b'rabta mas-Semestru Ewropew għall-2015.

RAPPORT TA' SINTESI MILL-PRESIDENZA

Introduzzjoni

Dan ir-rapport jiġbor fil-qosor ir-riżultati tad-diskussjonijiet li saru fil-Kunsill u l-konklużjonijiet tiegħu rigward il-pakkett dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir għall-2015 tal-Kummissjoni. Dan hu bbażat ukoll fuq il-pakkett tar-rapporti dwar il-pajjiżi li ġie ppreżentat mill-Kummissjoni fis-26 ta' Frar 2015 fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi fil-livell nazzjonali.

L-ewwel Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ippreżentat mill-Kummissjoni ta' Juncker fit-28 ta' Novembru 2014 jiddeskrivi b'mod ġenerali l-aġenda l-ġdida għall-impjegi u t-tkabbir ibbażata fuq tliet pilastri li jappoġġaw lil xulxin b'mod reċiproku: l-investiment, ir-riformi strutturali u r-responsabbiltà fiskali. Il-Kunsill jilqa' l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir għall-2015 tal-Kummissjoni u jikkondividi b'mod ġenerali l-analiżi tal-Kummissjoni tas-sitwazzjoni ekonomika u l-isfidi tal-politika fl-UE.

L-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir huwa marbut mill-qrib ma' inizzjattivi ewlenin ta' politika bħall-Pjan ta' investiment għall-Ewropa, l-Unjoni tal-Enerġija u l-Istrateġija futura tas-Suq Uniku Diġitali u l-Istrateġija tas-Suq Intern għall-oġġetti u s-servizzi. Ġiet enfasizzata wkoll ir-rabta ma' politika tat-trasport li tħares lejn il-ġejjieni permezz tal-iżvilupp ta' infrastruttura sostenibbli u suq uniku li jaħdem tajjeb. Għalhekk, id-dibattiti ttrattaw dawn il-proċessi usa' ta' politika u ppermettew il-formazzjonijiet differenti tal-Kunsill biex jagħtu l-fehmiet u r-riflessjonijiet tagħhom.

Il-Kunsill qed javvanza l-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa b'diliġenza kbira. Fl-10 ta' Marzu 2015, il-Kunsill ECOFIN adotta Approċċ ġenerali dwar il-Proposta għal Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi (FEIS) li għandha l-għan li timmobilizza mill-inqas EUR 315-il biljun fuq perijodu ta' tliet snin f'investiment pubbliku u privat addizzjonali. Id-dibattiti fil-konfigurazzjonijiet differenti tal-Kunsill jenfasizzaw il-potenzjal tal-FEIS u jikkonfermaw ukoll il-ħtieġa li b'mod parallel jiġu segwiti ferġhat oħrajn tal-Pjan ta' Investiment. B'mod partikolari, jeħtieġ li l-klima ta' investiment u l-ambjent ġenerali tan-negozju jkomplu jittejbu billi jitnaqqas il-piż regolatorju filwaqt li tkun prevista ċertezza regolatorja biżżejjed. Jeħtieġ li jiġu żgurati sinerġiji bejn il-FEIS, programmi oħrajn tal-UE bħal Orizzont 2020 u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF), il-fondi strutturali u l-finanzjament nazzjonali. Jeħtieġ li jsiru sforzi speċjali biex jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament, inkluż il-kapital ta' riskju, u bħala għajnuna għan-negozji Ewropej li jkun għadhom kif jiftħu fil-fażi kritika tal-iżvilupp tagħhom.

Fir-rigward tar-riformi strutturali, filwaqt li sar xi progress, jeħtieġ li l-pass tar-riforma jiġi aċċellerat. B'mod ġenerali, skont il-Kummissjoni, l-implimentazzjoni ta' kważi nofs ir-Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-Pajjiż adottati mill-Kunsill f'Lulju 2014 kienet limitata jew ineżistenti. Is-sitwazzjoni hija kemxejn aħjar fiż-żona tal-euro fejn 60% tar-rakkomandazzjonijiet ġew implimentati, tal-inqas parzjalment. Madankollu, jidher ċar li jeħtieġ li ssir aktar ħidma fuq diversi aspetti, b'mod partikolari f'pajjiżi li qegħdin taħt inqas pressjoni tas-suq. Oqsma ewlenin ta' tħassib jinkludu r-riformi fis-suq tal-prodotti u s-servizzi u l-modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika. Il-livelli persistentement għolja ta' qgħad, b'mod partikolari l-qgħad fit-tul u l-qgħad fost iż-żgħażaġh, għal darb'oħra jikkonfermaw li jinħtieġu aktar sforzi fis-swieq tax-xogħol. Dan jikkonċerna, b'mod partikolari, l-iffissar tal-pagi, it-tqabbil tal-edukazzjoni mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, il-kapaċità tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi u s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol.

Il-modernizzazzjoni ulterjuri tas-sistemi tal-pensjonijiet u t-titjib fl-effiċjenza tal-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul huma essenzjali, fil-kuntest ukoll tal-konsolidazzjoni fiskali.

Fl-aħħar nett, l-Ewropa fl-intier tagħha għandha ssegwi t-triq ta' responsabbiltà fiskali li tiffavorixxi t-tkabbir. Kull Stat Membru għandu jieħu azzjoni adatta li tirrifletti l-ispazju fiskali li għandu disponibbli. Jeħtieġ aktar progress b'rabta mal-koordinazzjoni tal-politiki fiskali fiż-żona tal-euro. B'mod ġenerali, għandha tingħata aktar attenzjoni lill-effikaċja u l-kwalità tal-finanzi pubbliċi u l-mod kif dawn jistgħu jiffavorixxu t-tkabbir. Ir-rakkomandazzjonijiet b'rabta mat-tnaqqis tal-porzjon ta' taxxa tax-xogħol u dwar is-salvagwardja tal-infiq fuq oqsma li jiffavorixxu t-tkabbir bħar-riċerka u l-investment, għandhom jiġu implimentati b'mod sħiħ.

Id-diskussjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir enfasizzaw il-potenzjal tal-ekonomija diġitali għall-aġenda tal-UE għat-tkabbir u l-impjiegi. L-Ewropa teħtieġ trasformazzjoni diġitali biex jerġa' jiġi stabbilit l-istatus tagħha bħala attur ewlieni fl-ekonomija diġitali globali. Id-diġitalizzazzjoni għandha tolqot l-oqsma kollha ta' politika, mill-politika industrijali għal dik ambjentali. L-introduzzjoni ta' networks broadband b'veloċità għolja, li jindirizzaw in-nuqqas ta' ħiliet diġitali, li huma bbażati fuq il-fiduċja tal-konsumaturi, u li jtejbu ċ-ċibersigurtà hi fost il-prerekwiżiti bażiċi għal ekonomija diġitali u titlob azzjoni ddeterminata fil-livell tal-UE u dak nazzjonali. Hemm ħtieġa urġenti li jiġi stabbilit Suq Uniku Diġitali, li jneħħi r-restrizzjonijiet għall-kummerċ elettroniku transkonfinali, u jstimolah iktar. Għadu meħtieġ appoġġ għal riċerka u l-investment diġitali, il-cloud computing u l-isfruttament tal-Big data. Jeħtieġ li l-Ewropa tappoġġa n-negozji diġitali tagħha li jkunu għadhom kemm jifthi iżda wkoll li tgħin fid-diġitalizzazzjoni tal-kumpanniji tagħha b'mod aktar wiesa'. Il-Kunsill jistenna b'interess li l-Kummissjoni tippreżenta Strateġija komprensiva u ambizzjuża għal Suq Uniku Diġitali.

Is-Semestru Ewropew għall-2015 ser ikun l-ewwel wieħed li jimplementa l-mudell issimplifikat propost fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir għall-2015. Id-dibattiti fi ħdan il-Kunsill jilqgħu din is-simplifikazzjoni b'sodisfazzjon. Analiżi unika ta' pajjiż għal kull Stat Membru mibgħuta ferm iktar kmieni minn qabel (fis-26 ta' Frar) għandha ssaħħa ir-responsabbiltà u tiffaċilita l-evalwazzjoni bejn il-pari. Din għandha tiffaċilita l-eżami tar-Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fi ħdan il-Kunsill u tippermetti involviment ikbar mill-partijiet ikkonċernati fil-livell nazzjonali.

Fil-livell Ewropew, il-Presidenza kienet involuta fi skambju ta' fehmiet mal-Parlament Ewropew dwar is-Semestru Ewropew. Il-Parlament ser jadotta tliet riżoluzzjonijiet dwar is-suġġett fil-11 ta' Marzu 2015, dwar is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika: L-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir għall-2015, dwar is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika: aspetti marbutin mal-impjiegi u aspetti soċjali fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir għall-2015 u dwar il-governanza tas-Suq Uniku fi ħdan is-Semestru Ewropew għall-2015. Id-djalogu interparlamentari dwar is-Semestru Ewropew organizzat mill-Parlament Ewropew fit-3-4 ta' Frar 2015 ikkontribwixxa wkoll għar-riflessjoni (ara d-dokument 6195/15).

Affarijiet ekonomiċi u finanzjarji

Il-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji (ECOFIN) iddiskuta l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir fil-laqgħa tiegħu tad-9 ta' Diċembru 2014. Il-bidliet previsti għas-Semestru Ewropew ġew indirizzati wkoll f'dik il-laqgħa fil-kuntest tal-iskambju ta' fehmiet dwar l-Istrateġija Ewropa 2020 u l-implimentazzjoni tagħha permezz tas-Semestru Ewropew, li kien ibbażat fuq l-opinjoni konġunta bejn il-KEF u l-KPE (id-dokument 16228/14). Sussegwentement, il-Kunsill ECOFIN adotta konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir u r-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija (id-dokument 5957/1/15 REV 1) fil-laqgħa tiegħu fis-17 ta' Frar 2015. Il-Kummissjoni ppreżentat l-analiżi integrata tal-pajjiż fil-Kunsill ECOFIN tal-10 ta' Marzu 2015.

Il-Kunsill ECOFIN qabel dwar l-oqsma ta' prijorità tal-politika ġenerali li fuqhom għandhom jiġu kkonċentrati l-isforzi fil-livell nazzjonali u f'dak tal-UE fl-2015 u li ġew deskritti b'mod ġenerali mill-Kummissjoni fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, b'mod partikolari li tingħata spinta lill-investiment, li jiġi mġedded l-impenn favur l-implimentazzjoni tar-riforma strutturali u li tiġi eżerċitata r-responsabbiltà fiskali.

Il-Kunsill ECOFIN laqa' wkoll is-suġġerimenti tal-Kummissjoni biex is-Semestru Ewropew jiġi ssimplifikat u jissaħħa.

Fir-rigward tal-investment, il-konklużjonijiet jirrikonoxxu li hemm ħtieġa urġenti biex tingħata spinta lill-investment għat-tisħiħ tal-irkupru ekonomiku u t-tkabbir potenzjali tal-UE u jilqgħu b'interess il-Pjan ta' Investment għall-Ewropa, ippreżentat flimkien mal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir. Il-Kunsill ECOFIN jenfasizza li l-inizjattivi li ttieħdu taħt il-Pjan ta' Investment għandhom jiġu kkomplementati minn miżuri li jtejbju l-ambjent tan-negozju u jrendu l-investment aktar attraenti.

Fl-10 ta' Marzu 2015, il-Kunsill ECOFIN adotta Approċċ ġenerali dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 (dok. 6831/15) li għandu l-għan li jimmobilizza tal-inqas EUR 315-il biljun matul tliet snin f'investment pubbliku u privat addizzjonali. Il-qbil milħuq b'mod rapidu dwar dan l-Approċċ ġenerali juri l-appoġġ politiku qawwi fost l-Istati Membri għal din l-inizjattiva, u fehim ċar tal-ħtieġa li jitwettqu malajr investimenti ġodda għall-Ewropa. Biex jinkisbu l-benefiċċji sħaħ tal-FEIS, l-Approċċ ġenerali jinsisti fuq struttura ta' governanza trasparenti depolitiċizzata u jistabbilixxi kriterji ċari għall-għażla tal-proġetti. Dawn jirrigwardaw il-konsistenza mal-politiki tal-Unjoni, il-vijabbilta', l-addizzjonalità u l-parteċipazzjoni ta' investituri privati. L-Approċċ ġenerali tal-Kunsill jipprevedi wkoll rwol b'saħħtu għal Banek Promozzjonali Nazzjonali u pjattaformi ta' investment li ser jaġixxu bħala katalisti għal proġetti ta' investment. Il-BEI ser ikun strumentali biex jiżgura li ċ-ċentru ta' konsulenza l-ġdid ser jipprovdi assistenza teknika effettiva biex jappoġġa l-iżvilupp tal-proġetti fl-Unjoni kollha.

Fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-riformi strutturali, il-konklużjonijiet jirrikonoxxu li l-implimentazzjoni ambizzjuża ta' riformi strutturali fis-swieq tal-prodotti, tas-servizzi u tax-xogħol hi ta' importanza kbira biex tiżdied il-produttività, biex terġa' tinkiseb il-kompetittività u biex ikun hemm titjib fl-ambjent tan-negozju, u b'hekk jitrawmu wkoll l-investment produttiv privat, l-impjiegi u l-potenzjal ta' tkabbir. Huma jirrikonoxxu li s-suq uniku Ewropew jibqa' l-aktar magna b'saħħitha tat-tkabbir fil-livell tal-UE u li t-tlestija tas-suq uniku kemm fil-prodotti kif ukoll fis-servizzi hi ta' prijorità. Il-Kunsill Ecofin għaraf l-isforzi li saru mill-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' riformi strutturali filwaqt li enfasisza l-ħtieġa li jsiru aktar sforzi ta' riforma fl-Istati Membri kollha, b'mod proporzjonat mal-livell li għad fadal ta' riġiditajiet u vulnerabbiltajiet.

Fir-rigward tar-responsabbiltà fiskali, il-Kunsill laqa' b'sodisfazzjon il-progress konsiderevoli li sar b'rabta mal-konsolidazzjoni fiskali u rrikonoxxa li, fl-istess ħin, il-livelli ta' dejn pubbliku fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għadhom għoljin u li għad hemm il-ħtieġa li l-livelli ta' dejn jibdwu jtnaqqsu. Il-konklużjonijiet jenfazzjaw li huwa kruċjali li kull Stat Membru jkompli jsegwi l-istrateġija maqbula ta' konsolidazzjoni fiskali differenzjata u li tiffavorixxi t-tkabbir sabiex tkun żgurata s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. Huma jenfazzjaw li l-Istati Membri kollha għandhom jimplimentaw il-politiki fiskali tagħhom f'konformità mal-obbligi tagħhom taħt il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, li jippermetti li l-istabilizzaturi awtomatiċi jaħdmu skont il-perkors maqbul tal-aġġustament strutturali, filwaqt li tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi.

Fl-aħħar nett, il-Kunsill ECOFIN laqa' s-suġġerimenti tal-Kummissjoni fir-rigward tal-bidliet biex is-Semestru Ewropew jiġi ssimplifikat u jissaħħa. Il-konklużjonijiet jirrikonoxxu li l-pubblikazzjoni aktar kmieni fil-proċess ta' valutazzjoni ekonomika komprensiva unika għal kull Stat Membru tippermetti aktar trasparenza u feedback dwar l-analiżi tal-Kummissjoni u aktar żmien biex jiġu eżaminati u diskussi l-linji gwida tal-UE, li għandhom ikomplu jtejb u l-proċess ta' sorveljanza multilaterali. Huma jissottolinjaw l-importanza tal-monitoraġġ tal-prestazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika, inkluża l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, matul is-sena kollha.

Impjiegi u affarijiet soċjali u saħħa

Fil-qafas tas-Semestru Ewropew għall-2015, il-Kunsill (EPSCO) kellu dibattiti ta' orjentazzjoni estensivi (is-sessjonijiet tal-11 ta' Diċembru 2014 u tad-9 ta' Marzu 2015) dwar prijoritajiet għal azzjonijiet fl-oqsma tal-impjiegi u l-politiki soċjali. F'dan il-kuntest, il-Kunsill EPSCO adotta r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2015 (dok. 7006/15) u l-konklużjonijiet tal-Kunsill, b'kont meħud tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir (dok. 7007/15), li jagħti gwida politika għall-impjiegi u l-politiki soċjali fl-2015. Huwa approva wkoll il-messaġġi ewlenin tar-Rapport tal-SPC dwar is-Sitwazzjoni Soċjali fl-UE (dok. 6194/15).

Minkejja l-iżviluppi pożittivi kawti f'parametri ekonomiċi madwar il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, il-livell għoli ta' qgħad għadu sfida ewlenija għall-UE. Approċċ integrat li jieħu kont tat-tħassib dwar l-impjiegi u t-tħassib soċjali u li huwa koerenti magħhom huwa prerekwiżit biex il-qgħad ikun indirizzat b'suċċess.

Il-Ministri laqgħu b'mod ġenerali l-approċċ ta' tliet pilastru tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir (SAT) biex jiġi indirizzat it-tħassib attwali. Xi delegazzjonijiet irreferew għall-ħtieġa li jiġu enfasizzati iżjed l-aspetti soċjali ta' dan l-approċċ.

Biex jiġu indirizzati l-isfidi urġenti, is-swieq tax-xogħol iridu jsiru aktar inklużivi u jiffunzjonaw tajjeb. Saret enfasi speċjali fuq l-inklużjoni ta' gruppi vulnerabbli, li għalihom hija meħtieġa għajjnuna mmirata. Ir-rwol tan-nisa fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà b'mod ġenerali għandu jingħata aktar attenzjoni. Sabiex tinkiseb l-ugwaljanza bejn is-sessi, id-differenza fil-pagi trid tiċkien u l-ħtiġijiet tan-nisa jiġu kkunsidrati aħjar.

Il-qgħad fit-tul sar kwistjoni kritika li teħtieġ attenzjoni urġenti u miżuri speċifiċi. Il-qgħad fost iż-żgħażaġħ jibqa' ta' prijorità politika għolja. L-introduzzjoni tal-programmi ta' garanzija għaż-żgħażaġħ dalwaqt ser tissaħħaħ permezz tal-proposta ġdida dwar iż-żieda tal-prefinanzjament tal-Inizjattiva favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ. Iż-żieda fil-ħajja tax-xogħol ġġib sfidi addizzjonali għal ħaddiema aktar avvanzati fl-età, li għalihom għandhom isiru arranġamenti speċjali flimkien mal-promozzjoni ta' programmi ta' taġlim tul il-ħajja.

Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, it-taġlim reċiproku u s-sorveljanza reċiproka wrew li huma għodod utli ħafna u għandhom jibqgħu jintużaw. Fost l-oħrajn, daww jippermettu lill-Istati Membri biex jitgħallmu minn xulxin u b'hekk jgħinu biex itejbu l-politiki.

L-ekonomija diġitali u t-teknoloġiji ġodda joffru opportunitajiet ġodda li jeħtieġ li jiġu maħtufa. L-investiment fin-nies u fil-ħiliet jeħtieġ li jkun iffukat sabiex iħejji lill-ħaddiema biex jiffaċċjaw ambjent ekonomiku aktar dinamiku. Jeħtieġ li l-ħiliet jadattaw b'mod kontinwu għall-kondizzjonijiet ekonomiċi u tal-impjieġ li dejjem jinbidlu. Forom prekarji ta' xogħol għandhom iċedu posthom għal impjieġ ta' kwalità. L-effettività u l-effiċjenza tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali jeħtieġ li jiġu mtejba.

Il-Ministri laqgħu l-modifiki għas-Semestru Ewropew, b'mod partikolari l-iskedar tar-Rapporti tal-pajjiż, li issa jippermetti djalogu, diskussjonijiet u konsultazzjonijiet aħjar mal-partijiet ikkonċernati nazzjonali. Ir-rwol tal-Kumitat tal-Impjiegi u tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali fis-Semestru Ewropew u l-kontribut tagħhom ġew enfasizzati. Ir-rwol u l-importanza tas-sħab soċjali kienu wkoll enfasizzati, b'mod partikolari rigward l-involvement tagħhom fis-Semestru Ewropew u t-tagħlim reċiproku. B'mod aktar ġenerali, il-kontribuzzjonijiet tagħhom huma kruċjali għal fatturi li huma importanti biex jinkisbu swieq tax-xogħol aktar inklużivi u li jiffunzjonaw tajjeb u objettivi ta' politika soċjali. Saret ukoll referenza għall-benefiċċji tal-impjiegi u soċjali li l-Pjan ta' Investiment il-ġdid jista' jikseb.

Kompetittività

Il-Kunsill Kompetittività kellu dibattiti ta' orjentazzjoni fil-qafas tas-Semestru Ewropew u abbażi tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir għall-2015, dwar aspetti marbutin mas-Suq Intern u l-Kompetittività Industrijali fit-2 ta' Marzu u dwar ir-Riċerka fit-3 ta' Marzu 2015. Fid-dibattiti, il-Ministri indirizzaw ukoll il-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa, u b'mod partikolari l-kwistjoni ta' kif jista' jittejjeb l-ambjent ta' investiment fl-Ewropa.

Suq intern

Il-Ministri rrikonoxxew il-ħtieġa urġenti li s-Suq Uniku jkompli jissaħħaħ, jiġi approfondit u eventwalment jitlesta. Filwaqt li enfasizzaw il-bżonn li jkomplu jsiru sforzi b'rabta ma' miżuri ta' politika orizzontali, il-Ministri kienu wkoll favur approċċ prammatiku orjentat lejn is-settur li jista' javvanza l-integrazzjoni tas-Suq Uniku aktar rapidament. Bħala setturi bl-akbar potenzjal ta' tkabir, il-ministri semmew l-ekonomija diġitali, l-enerġija, it-trasport, it-telekomunikazzjoni u s-servizzi (inkluż il-bejgħ bl-imnut, is-servizzi tan-negozji, il-kostruzzjoni). Ir-riformi nazzjonali jibqgħu prijorità għolja fuq l-aġendi tal-politiki nazzjonali u l-ministri semmew ukoll eżempji jew riformi li saru b'mod partikolari bil-għan li jitneħħew l-ostakoli eżistenti u jittejjeb l-ambjent tan-negozju u tal-investiment. F'dan il-kuntest, il-Ministri enfasizzaw li huwa kruċjali li jitjieb l-aċċess tan-negozji, b'mod partikolari l-SMEs, għall-akkwist pubbliku u biex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu tal-persuni permezz ta' implimentazzjoni rapida tad-Direttiva dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali.

Il-Ministri ssottolinjaw l-importanza ta' governanza effettiva tas-Suq Uniku inkluż enfasi fuq l-importanza tal-implimentazzjoni u l-infurzar tar-regoli eżistenti bl-aħjar mod possibbli. Huma insistew fuq il-ħtieġa li l-leġislazzjoni titjeb u tiġi ssimplifikata għall-benefiċċju tan-negozji u l-konsumaturi billi jieħdu kont b'mod konsistenti tal-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar, b'mod partikolari r-REFIT. Il-ministri komplew jenfasizzaw il-bżonn ta' rispett sħiħ għat-trasparenza, is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, li jitnaqqas il-piż amministrattiv u li l-inizjattivi kollha jitħejjew permezz ta' valutazzjonijiet tal-impatt b'pedamenti sodi.

Ġie enfasizzat b'mod ġenerali li l-identifikazzjoni tal-ostakoli u t-tfixkil għall-kummerċ transkonfinali hi importanti wkoll sabiex tissaħħaħ il-kompetittività internazzjonali tal-UE. Numru kbir ta' ministri enfasizzaw il-ħtieġa li jsir l-aħjar użu possibbli mill-potenzjal sħiħ tas-settur tas-servizzi permezz tal-implimentazzjoni kompleta tad-Direttiva dwar is-Servizzi u reviżjoni tar-regoli dwar in-notifika u billi jsir użu aħjar ta' strumenti tas-Suq Uniku, inkluż billi tingħata prijorità lil taħlita bbilanċjata bejn ir-rikonoxximent reċiproku u l-armonizzazzjoni. Il-Ministri kollha indikaw li kienu qegħdin jistennew b'interess il-Pakkett tas-Suq Uniku Diġitali li huwa skedat għal Mejju 2015 u l-"Istrateġija dwar is-Suq Intern għall-prodotti u s-servizzi" mistennija fil-ħarifa tal-2015 u ħeġġew lill-Kummissjoni biex tkun ambizzjuża f'dawn l-inizjattivi li ġejjin.

Industrija

L-aspetti tal-politika industrijali ġew diskussi fil-kuntest tal-Istrateġija futura tas-Suq Uniku Diġitali. It-tħassib prevalenti kondiviż mill-Istati Membri kien li l-elementi tal-politika industrijali jiġu inkorporati b'mod sħiħ fl-Istrateġija. UE kompetittiva timplika UE diġitali u din għandha tkun ibbażata fuq kumpanniji innovattivi, kemm kbar kif ukoll żgħar, li jkunu jistgħu jużaw l-opportunitajiet diġitali għall-ħolqien tal-impjiegi u t-tkabbir. Ma għandhomx jintesew il-mikrokumpanniji, speċjalment b'enfasi fuq negozji ġodda innovattivi.

Il-Ministri identifikaw azzjonijiet u miżuri li jkollhom l-aqwa potenzjal biex jintlaħaq dan l-għan. Diversi ministri ssottolinjaw il-ħtieġa li jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzjament, inkluż il-kapital ta' riskju mal-UE kollha, u b'mod partikolari għall-benefiċċju tal-SMEs, kif ukoll il-ħtieġa li tinbidel il-kultura li tiffavorixxi r-riskju baxx f'dan il-kuntest. Hemm bżonn ta' kapital ta' riskju mhux biss għal kumpanniji maturi, imma wkoll finanzjament inizjali u finanzjament qabel l-inizjament (seed and pre-seed funding) għall-SMEs, kif ukoll li jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet għat-tkabbir. It-tneħħija tal-piżijiet regolatorji ġiet meqjusa wkoll bħala essenzjali, kemm għewwa l-Istati Membri kif ukoll bejniethom. Dan johlq suq uniku ġenwin għall-kumpanniji diġitali li jippermetti, b'mod partikolari, lill-kumpanniji ż-żgħira li għadhom jibdew jikbru iktar malajr u jgħin lill-UE tiffaċċja l-kompetizzjoni globali. Il-ħtieġa li jiġi applikat il-prinċipju ta' "punt uniku ta' servizz għall-SMEs" fl-UE kollha ġiet enfasizzata f'dan il-kuntest.

Il-ħtieġa għal interoperabbiltà mal-UE kollha bejn is-sistemi u l-prodotti permezz tal-istabbiliment ta' standards pan-Ewropej ġiet ssottolinjata minn bosta Ministri bħala parti mit-tneħħija tal-ostakoli kollha għall-kummerċ elettroniku transkonfinali. L-oqfsa interoperabbli jistgħu wkoll ikunu ta' benefiċċju kif muri mill-eżempji tal-firma elettronika unifikata, it-tikkettar elettroniku, eċċ. Ostakoli oħra msemmija, kemm għall-produtturi kif ukoll għall-konsumaturi, inkludew il-protezzjoni tad-data, fejn ir-regoli u r-regolamenti nazzjonali jeħtieġ li jlaħħqu mal-kummerċ diġitali globali filwaqt li jipprovdu qafas koerenti u stabbli għall-flussi tad-data u jissalvagwardjaw l-implimentazzjoni adegwata tar-regoli tal-protezzjoni tad-data tal-UE.

Xi ministri ssottolinjaw il-ħtieġa għal investiment (fost l-oħrajn minn fondi Ewropej eżistenti) biex jiġu assistiti l-kumpanniji li qed jeqilbu għad-diġitalizzazzjoni. Diversi Stati Membri raw rwol għall-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa f'dan il-kuntest.

B'mod ġenerali, il-Ministri enfasizzaw l-prerekwiżiti bażiċi meħtieġa għall-industrija Ewropea sabiex jiġi sfruttat b'mod sħiħ il-potenzjal tad-diġitalizzazzjoni u l-ekonomija diġitali għall-kompetittività industrijali. Dawn inkludew il-ħtieġa tal-introduzzjoni tal-broadband b'veloċità għolja madwar l-Ewropa kollha, li jiġi indirizzat id-distakk fil-ħiliet diġitali fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u l-ġerarkija (ċittadini, ħaddiema u maniġers) kif ukoll il-ħolqien ta' fiduċja u kunfidenza fiċ-ċibersigurtà kemm tal-konsumaturi kif ukoll tal-kumpanniji, speċjalment bil-ħsieb tas-sjieda, l-użu u d-disponibbiltà tad-data industrijali.

Il-ministri qablu b'mod ġenerali mal-analiżi tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir li hemm il-ħtieġa ta' finanzjament għar-riċerka u l-innovazzjoni (R&I), li l-investimenti jkunu intelliġenti u effiċjenti għall-ħolqien tal-ingranaġġ meħtieġ mal-investimenti privati, u li jitjiebu l-kondizzjonijiet tal-qafas sabiex l-investimenti jinbidlu f'assi tanġibbli. Barra minn hekk, huma ssottolinjaw il-ħtieġa li tiġi pprovduta leġislazzjoni xierqa inkluż regolament dwar l-għajnuna mill-Istat favur it-tkabbir, titnaqqas il-burokrazija u l-burokrazija żejda u jiġu żgurati l-edukazzjoni u l-ħiliet adegwati. Viżjoni fit-tul u strateġija dwar l-investimenti huma meħtieġa kemm fl-Istati Membri kif ukoll fil-livell tal-UE.

Diversi ministri ssottolinjaw l-importanza li titjeb l-effiċjenza tal-programmi ta' riċerka permezz tal-prijoritizzazzjoni u l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti bbażati fuq l-evalwazzjoni. It-tneħħija tal-ostakoli għall-mobbiltà tar-riċerkaturi u l-użu ta' inċentivi fiskali ġew meqjusa wkoll minn ħafna bħala riformi strutturali meħtieġa.

Fir-rigward tal-ħolqien ta' ambjent favorevoli kemm għall-investment pubbliku kif ukoll għal dak privat, il-ministri b'mod ġenerali fakkru fil-bżonn li jiġi salvagwardjat l-investment pubbliku strateġiku fir-riċerka u l-innovazzjoni biex ikun hemm ingranaġġ għall-investment privat. Diversi ministri fakkru wkoll fil-ħtieġa li ssir enfasi fuq l-eċċellenza u l-kwalità tar-riċerka meta jkunu qed jiġu kkunsidrati l-investimenti. L-iżgurar ta' sinerġiji bejn Orizzont 2020 u l-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi (FEIS) futur kif ukoll il-fondi strutturali u l-fondi nazzjonali ġew meqjusa bħala essenzjali. Barra minn hekk, il-maġġoranza tal-ministri ssottolinjaw il-ħtieġa li l-kumpanniji privati, b'mod partikolari l-SMEs u l-kumpanniji b'kapitalizzazzjoni medja, jiġu integrati aħjar fil-proċessi ta' riċerka u innovazzjoni f'kull livell sabiex jiġi żgurat it-trasferiment tal-investment u l-għarfien. Benefiċċji relatati bħall-inċentivi fiskali, l-opportunitajiet diġitali, il-potenzjal tal-big data u tal-użu mill-ġdid ta' data, l-innovazzjoni miftuħa u x-xjenza, kif ukoll l-azzjoni qrib is-suq għandhom jiġu enfasizzati.

Fir-rigward tal-Pjan ta' Investment għall-Ewropa, billi diversi ministri esprimew tħassib relatat mat-trasferiment ta' fondi minn Orizzont 2020 għall-FEIS, huma ssottolinjaw il-ħtieġa li l-kriterji tal-għażla tal-FEIS jiprijoritizzaw il-proġetti bl-aktar vantaġġ innovattiv u kompetittiv, filwaqt li jittieħed kont ukoll tal-impatt soċjoekonomiku fit-tul tal-proġetti, kif ukoll tal-ħtieġa li l-esperti jkopru firxa wiesgħa ta' għarfien f'dawn il-kwistjonijiet u tal-ħtieġa għall-feedback dwar ċerti proġetti. Diversi ministri ssottolinjaw il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-partijiet kkonċernati tar-riċerka u l-iżvilupp, inklużi l-SMEs, ikollhom aċċess għall-finanzi permezz tal-FEIS.

Trasport

Il-Kunsill dwar it-Trasport kellu dibattitu ta' orjentazzjoni fit-13 ta' Marzu 2015 dwar ir-rwol u l-kontribut tat-trasport biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-UE għal tkabbir fl-ambjent globali li qed isir dejjem aktar kompetittiv.

Il-ministri għarfli li żvilupp tal-infrastruttura li jħares lejn il-ġejjieni u li jkun prevedibbli huwa fundamentali għal kompetittività Ewropea akbar u żona waħdanija tat-trasport li taħdem tajjeb. L-implimentazzjoni tan-Netzwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T) għandha l-mira li ssaħħaħ il-koeżjoni territorjali u soċjali Ewropea, u s-suq intern tagħha. Fir-rigward tal-ambjent regolatorju u l-implimentazzjoni tiegħu, il-ministri saħqu dwar il-ħtieġa li jiġu applikati l-prinċipji ta' regolamentazzjoni intelliġenti u kundizzjonijiet indaqs. Il-ministri saħqu li netwerk TEN-T effiċjenti, li jaħdem tajjeb u sostenibbli għandu rwol ewlieni fil-kompetittività tal-UE f'dinja globalizzata.

Il-ministri enfasizzaw il-ħtieġa li jiġu sfruttati b'mod sħiħ il-possibiltajiet li tipprovdi l-innovazzjoni fit-trasport, li toffri bosta opportunitajiet għall-ekonomija Ewropea mhux biss fil-qasam tal-infrastruttura, iżda wkoll fis-setturi tal-manifattura ta' vetturi elettriċi u awtomatiċi u s-servizzi ta' loġistika. Huwa meħtieġ ukoll li jiġu sfruttati b'mod sħiħ is-sinerġiji mas-setturi tal-enerġija, speċjalment fil-qasam tal-fjuwils alternattivi, it-telekomunikazzjoni u l-ekonomija diġitali, partikolarment għas-servizzi tas-Sistemi ta' Trasport Intelliġenti.

Ġie rikonoxxut ukoll li l-implimentazzjoni tal-proġetti transkonfinali ewlenin li għadhom neqsin, partikolarment fil-qasam tal-ferroviji u l-passaġġi fuq l-ilma interni, hija sfida ewlenija għall-iżvilupp tan-Netzwerk TEN-T. Dawn il-proġetti ta' spiss ikunu jiswew ħafna flus, b'benefiċċji soċjo-ekonomiċi fuq medda twila ta' żmien; għaldaqstant ma jkollhom ebda inċentiv ċar għal sħab privati. Barra minn hekk, il-benefiċjarji ewlenin tagħhom ma jkunux ir-regġuni fejn dawn il-proġetti jinbnew iżda l-Istati Membri u l-UE kollha kemm hi.

Il-ministri għarfli li sabiex l-Ewropa tikseb l-għanijiet tagħha, huwa meħtieġ investiment konsiderevoli fis-settur tat-trasport. Il-baġit tal-UE għall-2014 - 2020 jagħti xi appoġġ fl-għamla ta' għotjiet permezz tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej u permezz tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (Connecting Europe Facility - CEF) biex jikkomplementa l-appoġġ tal-Istati Membri għat-TEN-T. Madankollu, dawn il-baġits pubbliċi jirrappreżentaw biss parti minn daww il-ħtiġijiet.

Il-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi (FEIS) propost jista' jipprovdi opportunitajiet ġodda għall-finanzjament tal-ambizzjonijiet strateġiċi għat-trasport u jista' jattira fondi addizzjonali għal proġetti b'valur miżjud reali tal-UE u profil ta' riskju oġġla minn dawk normalment finanzjati mill-banek pubbliċi u privati jew is-sħab privati. Madankollu, għandhom jitfittxu aktar mekkaniżmi ġodda ta' finanzjament, inkluż fil-qafas ta' sħubiji pubbliċi-privati.

B'rabta mal-FEIS, diversi ministri saħqu li jkunu essenzjali għażla trasparenti u indipendenti ta' proġetti u kriterji għaqlin biex jiġu żgurati l-fiduċja tal-Istati Membri u implimentazzjoni b'suċċess tal-Pjan ta' Investiment għall-benefiċċju tal-proġetti tat-trasport.

Telekomunikazzjoni

Il-Kunsill TTE (Telekomunikazzjoni) iddiskuta r-reviżjoni ta' nofs it-term tal-Istrateġija Ewropa 2020 fil-laqgħa tiegħu tas-27 ta' Novembru 2014 (dok. 16175/14), b'kont meħud tal-pubblikazzjoni tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir (SAT) għall-2015. Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2015, il-Presidenza stiednet lill-Istati Membri biex jipprovdu aktar tweġibiet bil-miktub (dok. 6407/15).

L-Istati Membri jilqgħu l-proċess tas-SAT u jappoġġaw b'mod ġenerali t-tkomplija tal-Istrateġija Ewropa 2020 bl-Aġenda Diġitali għall-Ewropa (DAE) bħala waħda mill-inizjattivi ewlenin tagħha. Fid-dawl tal-istrateġija futura tal-Kummissjoni dwar is-Suq Uniku Diġitali (DSM) l-Istati Membri jitolbu fokus akbar fuq it-tkabbir u l-azzjonijiet relatati mal-impjieg, b'angolu ta' kompetittività.

Id-delegazzjonijiet jilqgħu b'mod ġenerali ż-żieda fil-viżibbiltà tal-politiki diġitali kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali. Fl-istess ħin, hemm aspettattiva li l-istrateġija futura tkun ta' natura aktar olistika u orizzontali u mmirata lejn it-trasformazzjoni diġitali tal-Ewropa, u dan jista' jerġa' jpoġġi lill-Unjoni fuq il-mappa bħala attur ewlieni fl-ekonomija diġitali u f'setturi ewlenin tat-teknoloġija.

Filwaqt li jirrikonoxxu li sar progress fuq ħafna kwistjonijiet dwar il-politika diġitali, kif dan l-aħħar uriet it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Aġenda Diġitali, id-delegazzjonijiet jindikaw għadd ta' oqsma fejn huma jemmnu li jista' jsir aktar, jew bħala parti mill-attivitajiet li għaddejjin taħt id-DAE, jew li jkunu inklużi bħala oqsma ta' prijorità fl-istrateġija tad-DSM:

- Il-faċilitazzjoni ta' leġislazzjoni li trawwem trasformazzjoni diġitali tal-ambjent Ewropew tan-negozju fir-rigward tal-bini ta' ekonomija diġitali u innovattiva. Il-prinċipju “diġitali awtomatikament” għandu jiġi rikonoxxut u implimentat bħala l-prinċipju orizzontali ta' politika meta jitwettqu valutazzjonijiet tal-impatt dwar regolamentazzjoni ġdida.
- l-iżgurar tal-aċċess u l-konnettività u li tingħata spinta lill-użu ta' networks tal-broadband ta' veloċità għolja, inkluż permezz tal-Pjan ta' Investiment. F'dan il-kuntest, id-delegazzjonijiet innutaw li l-miri stabbiliti fid-DAE huma insuffiċjenti biex titwettaq it-tlestija tad-DSM.
- aktar sforzi biex jitlesta s-Suq Uniku Diġitali, b'mod partikolari bil-faċilitazzjoni u l-istimulazzjoni tal-kummerċ elettroniku billi jitneħħew ir-restrizzjonijiet u l-piżijiet fuq il-kummerċ u s-servizzi transkonfinali online mhux meħtieġa u jintemmu l-prattiki diskriminatorji bħall-ibblukkar ġeografiku. Azzjonijiet konkreti li għandhom jittieħdu jinkludu r-rieżami tal-qafas regolatorju għall-komunikazzjonijiet elettroniċi u tas-suq awdjoviżiv u l-aġġornament tal-qafas tad-drittijiet tal-awtur;
- il-bini ta' fiduċja, sigurtà, reżiljenza u affidabbiltà fil-qasam tas-servizzi diġitali u b'mod partikolari fl-Internet bħala pedament għall-użu estiż tas-servizzi diġitali mill-konsumaturi, in-negozji u l-amministrazzjonijiet pubbliċi. Għandu jsir progress fl-oqsma tal-protezzjoni tad-data, il-privatezza u s-sigurtà tal-informazzjoni;
- aktar azzjonijiet ta' appoġġ biex tingħata spinta lir-riċerka u l-innovazzjoni, il-cloud computing u l-Big Data. Jeħtieġ li jiżdiedu l-investimenti fir-riċerka tal-ICT u l-innovazzjoni diġitali permezz ta' promozzjoni aħjar ta' programmi ta' finanzjament u l-Pjan ta' Investiment il-ġdid;
- Biex jiġu attirati l-investituri fl-arena diġitali, hija meħtieġa aktar ċertezza regolatorja, investiment fl-infrastruttura, b'mod partikolari fin-networks tal-broadband u s-servizzi diġitali u infurzar effettiv u konsistenti kemm fil-livell Ewropew kif ukoll fil-livell nazzjonali, kif ukoll it-tneħħija ta' piżijiet regolatorji mhux meħtieġa;
- l-iżvilupp ta' ħiliet diġitali fid-dawl tad-diskrepanzi bejn il-ħiliet, li jeżistu kemm min-naħa tal-utent kif ukoll min-naħa tal-fornitur u bil-ħsieb li jiġu attirati ż-żgħażaġħ lejn is-settur tal-ICT;
- appoġġ għan-negozji ġodda/SMEs, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħtieġa li jitnaqqsu l-ostakoli amministrattivi iżda wkoll f'termini ta' aċċess għal kapital ta' riskju;

- indirizzar tal-kwistjonijiet tat-taxxa, relatati mal-ħolqien tas-Suq Uniku Diġitali;
- it-tnaqqis tad-distakk diġitali bejn l-Istati Membri kif ukoll fi ħdan l-Istati Membri;
- promozzjoni ta' approċċ aktar diġitali għall-amministrazzjonijiet pubbliċi u żvilupp ulterjuri tal-gvern elettroniku, l-akkwist elettroniku u l-aċċess elettroniku għas-servizzi pubbliċi, inkluż is-servizzi interoperabbli u transkonfinali. Għandhom isiru sforzi biex jiġi applikat il-prinċipju li l-informazzjoni tinġabar miċ-ċittadini darba biss;
- l-iżvilupp ta' sħubijiet pubbliċi-privati biex jiġi aċċellerat il-progress u biex jittejjeb l-aċċess għal finanzjament.

Enerġija

Fid-9 ta' Diċembru 2014, il-Kunsill TTE (Enerġija) adotta konklużjonijiet dwar it-tlestija tas-suq intern tal-enerġija (dok. 16037/14) u fil-5 ta' Marzu 2015 kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar l-infrastruttura tal-enerġija u l-iżviluppi u l-prijoritajiet tiegħu.

Id-delegazzjonijiet tennew l-importanza li jinkiseb, bħala kwistjoni ta' urġenza, suq intern Ewropew tal-enerġija li jiffunzjona u jkun interkonness b'mod sħiħ biex tkun żgurata provvista ta' enerġija bla waqfien fl-Ewropa kollha u biex tizzied l-interkonnettività sabiex jintemm kwalunkwe iżolament ta' Stati Membri min-netwerk Ewropew tal-gass u tal-elettriku fil-futur qrib. Grilja ta' enerġija Ewropea interkonnessa u sinkronizzata hija kruċjali għall-iżgurar ta' enerġija affordabbli, sigura u sostenibbli. Din ser toħloq ukoll aktar opportunitajiet f'termini ta' investimenti, it- tkabbir u l-impjegi madwar l-Unjoni Ewropea. Il-bini ta' interkonnessjonijiet xierqa ser jeħtieġ il-mobilizzazzjoni urġenti tal-isforzi fil-livelli kollha biex jintlaħaq l-oġettiv komuni ta' suq intern tal-enerġija li jiffunzjona u jkun interkonness b'mod sħiħ.

B'appoġġ għal dan l-oġettiv, id-delegazzjonijiet issottolinjaw li l-Proġetti ta' Interess Komuni (PCI) jeħtieġ li jitwettqu b'mod urġenti sabiex jissaħħaħ aktar is-suq intern tal-enerġija. Huma qiesu wkoll li l-adozzjoni u l-implimentazzjoni f'waqthom tal-kodiċijiet tan-netwerk tal-gass u tal-elettriku għandhom jingħataw l-ogħla prijorità fl-Unjoni Ewropea kollha. Barra minn hekk, ġie enfasizzat it-titjib tad-disinn tas-suq, b'mod partikolari fis-settur tal-elettriku.

L-integrazzjoni tas-suq reġjonali għet rikonoxxuta bħala għodda importanti għall-konsolidazzjoni aħħarija ta' suq uniku tal-enerġija madwar l-Unjoni Ewropea. Il-kooperazzjoni reġjonali għandha għalhekk tkun imsaħħa aktar biex tindirizza l-prijoritajiet ta' politika aktar ġenerali u, permezz tal-implimentazzjoni kkoordinata tal-PCIs, tkun strument importanti biex tinkiseb il-mira ta' 10% għall-interkonnessjoni tal-elettriku bejn l-Istati Membri sal-2020, kif stabbilit mill-Kunsill Ewropew.

Minħabba l-ammont sostanzjali ta' investimenti meħtieġa sal-2020 biex tinbena l-infrastruttura meħtieġa biex jiġu interkonnessi b'mod adegwat l-Istati Membri kollha tal-UE, it-titjib kontinwu tal-klima ta' investiment fis-settur tal-enerġija għe identifikat bħala element kritiku. Id-delegazzjonijiet issottolinjaw il-ħtieġa għal aktar investimenti f'infrastruttura strateġika u intelliġenti, b'mod kost-effettiv. Huma fakkru wkoll fil-ħtieġa urġenti għal implimentazzjoni u applikazzjoni effettivi u konsistenti tat-tielet pakkett dwar l-enerġija mill-Istati Membri kollha tal-UE sabiex tiġi pprovduta klima ta' investiment soda u mmexxija mis-suq madwar l-Unjoni Ewropea kollha bbażata fuq qafas legali Ewropew stabbli u prevedibbli.

Minbarra r-Regolament TEN-E adottat fl-2013, flimkien mal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF), li joħloq strument regolatorju Ewropew stabbli mfassal biex tiġi identifikata u żgurata l-implimentazzjoni f'waqtha tal-PCI, saret ukoll referenza għall-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa, kif propost mill-Kummissjoni, u b'mod partikolari għall-ħolqien ta' Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi (FEIS) maħsub biex jittejjeb b'mod sinifikanti l-aċċess tal-proġetti ta' investiment tal-UE għal finanzjament fit-tul. Dan l-istrument ikun ikopri l-PCI jew proġetti oħra ta' interkonnessjoni, u jaċċellera u jikkomplementa l-istruttura attwali ta' appoġġ għall-PCI u lil hinn. Il-FEIS joffri possibbiltajiet ġodda għall-finanzjament kummerċjali. F'dan ir-rigward, id-delegazzjonijiet enfasizzaw li huwa ta' importanza kbira li jiġi żgurat l-użu sħiħ tar-riżorsi kollha eżistenti u allokat tal-UE u biex jittejjeb aktar l-ambjent regolatorju għall-investimenti.

Ambjent

Il-Kunsill Ambjent kellu skambju ta' fehmiet dwar l-ekoloġizzazzjoni tas-Semestru Ewropew fuq il-bażi ta' nota ta' spjegazzjoni mill-Presidenza li kien fiha żewġ mistoqsijiet (dok. 6143/15). Il-Ministri affermaw mill-ġdid li l-politika ambjentali, l-ekoloġizzazzjoni tal-ekonomija u l-ekoloġizzazzjoni tas-Semestru Ewropew jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti ħafna għall-oġettivi ta' politika wesgħin ta' stimulu tat-tkabbir u tal-ħolqien tal-impjiegi.

Il-Ministri indikaw li wasal iż-żmien li jsir progress u jittieħed vantaġġ sħiħ mis-sinerġiji bejn il-politiki ambjentali u politiki f'oqsma oħra permezz ta' taħlita ta' strumenti u inizzjattivi, bħall-ekoloġizzazzjoni tas-sistemi fiskali, aktar investimenti mmirati, il-promozzjoni tar-riċerka u l-iżvilupp, u kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet speċjali tal-SMEs.

Madankollu, il-ministri nnutaw li fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir għall-2015 f'it li xejn hemm rikonoxximent tar-rwol li l-miżuri ambjentali, l-effiċjenza fir-riżorsi jew l-ekonomija ekoloġika għandhom fil-kuntest usa' ta' żvilupp sostenibbli, u fl-għajnuna li jagħtu biex jingħataw spinta t-tkabbir, l-impjiegi u l-investimenti.

Il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra l-linji gwida u l-messaġġi ċari inklużi fil-konklużjonijiet tiegħu tat-28 ta' Ottubru 2014 meta tkun qed tħejji r-reviżjoni ta' nofs it-term tal-Istrateġija Ewropa 2020, li hija mistennija sal-aħħar ta' din is-sena, sabiex tiġi żgurata dimensjoni ambjentali b'saħħitha u sinerġija sħiħa bejn il-politika tal-ambjent u politiki oħra.

Il-Kunsill laqa' l-opportunitajiet pprovduti mill-proposta futura tal-Kummissjoni għal Suq Uniku Diġitali (DSM), kif ukoll il-lista ta' eżempji tal-Presidenza ta' sinerġiji possibbli għal tkabbir ekoloġiku u ħolqien ta' impjiegi bejn l-oġettivi tal-ekonomija ċirkolari u l-Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali li jmiss. Il-ministri enfasizzaw b'mod partikolari l-importanza ta' xi oqsma, jiġifieri il-bliet intelliġenti (inklużi trasport u dawl intelliġenti), l-immaniġġjar tal-iskart, il-ġestjoni tat-territorju u l-aċċess għall-informazzjoni dwar l-ambjent u d-disseminazzjoni tagħha.

Fl-aħħar nett, il-ministri ħadu din l-opportunità biex jesprimu għal darba oħra d-diżappunt għall-irtirar tal-Pakkett dwar l-Iskart mill-Kummissjoni u biex jistiednu lill-Kummissjoni biex tressaq mingħajr dewmien proposta ġdida u aktar ambizzjuża dwar l-ekonomija ċirkolari, li għandha tkun iktar wiesgħa u tmur lil hinn mill-iskart.